IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2021
COM(2021) 641 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċertu sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku[1] (id-Direttiva RoHS) tistabbilixxi r-regoli dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż l-irkupru u r-rimi tal-iskart EEE mingħajr ħsara għall-ambjent.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva RoHS tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-EEE mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi elenkati fl-Anness II. L-Annessi III u IV jelenkaw l-applikazzjonijiet eżentati minn dik ir-restrizzjoni.

Id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati dwar tliet dispożizzjonijiet differenti, fid-dawl ta':

- l-ispeċifikazzjoni ta' regoli dettaljati għall-konformità mal-valuri tal-konċentrazzjoni massima skont il-piż f'materjali omoġeni kif speċifikat fl-Anness II tad-Direttiva RoHS, prevista fl-Artikolu 4(2) tagħha;
- l-adattament tal-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku, kemm għall-inklużjoni kif ukoll għat-tneħħija tal-eżenzjonijiet mir-restrizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1), kif previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva RoHS;
- ir-rieżami u l-emenda tal-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness II, kif previst fl-Artikolu 6(3).

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva RoHS. Skont din id-dispożizzjoni, tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni li jiġu adottati atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mill-21 ta' Lulju 2011 u l-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport dwar is-setgħat delegati mhux aktar tard minn 6 xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex f'konformità mal-Artikolu 21. Ir-rapport preċedenti[2] dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward tad-Direttiva 2011/65/UE ġie adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' April 2016. Il-

[1] ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.
[2] COM (2016) 215 final, http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014DC0332&from=MT.

Kummissjoni stiednet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dak ir-rapport.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

L-eżerċizzju tas-setgħa delegata kien meħtieġ matul il-perjodu tar-rapportar dwar diversi dispożizzjonijiet previsti bid-Direttiva, kif ġej:

3.1. Regoli għall-konformità mal-valuri tal-konċentrazzjoni massima, l-Artikolu 4(2)

Fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tar-regoli dettaljati għall-konformità mal-valuri tal-konċentrazzjoni massima skont il-piż f'materjali omoġenji kif speċifikat fl-Anness II tad-Direttiva RoHs, mir-rapport preċedenti[3], ma kien hemm l-ebda bidla fis-sitwazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi adottat att delegat biex jiġu previsti dawk ir-regoli f'konformità mal-Artikolu 4(2).

3.2. Eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet tas-sustanzi previsti fl-Artikolu 4(1), skont l-Artikolu 5(1)

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport[4], il-Kummissjoni rċeviet 102 applikazzjonijiet[5], biex l-Annessi III u IV tad-Direttiva jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tal-eżenzjonijiet mir-restrizzjoni tas-sustanzi f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva RoHS, li 50 minnhom tressqu bejn Novembru tal-2019 u Jannar tal-2020 u 26 oħra tressqu f'Jannar tal-2021. Wara l-valutazzjoni xjentifika u teknika meħtieġa ta' dawn l-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni adottat 32 direttiva delegata individwali[6] biex jemendaw l-

[3] Ibid.
[4] Sat-18 ta' April 2021.
[5] Ta' min jinnota li diversi applikazzjonijiet jistgħu jirreferu għall-istess eżenzjoni/ applikazzjoni ġdida li għandha tiġi inkluża fl-Anness.
[6] Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2021/884** tat-8 ta' Marzu 2021;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2021/647** tal-15 ta' Jannar 2021;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2020/360** tas-17 ta' Diċembru 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2020/361**tas-17 ta' Diċembru 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2020/364**tas-17 ta' Diċembru 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2020/365**tas-17 ta' Diċembru 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2020/366**tas-17 ta' Diċembru 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/1845** tat-8 ta' Awwissu 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/1846** tat-8 ta' Awwissu 2019;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/169** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/170** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/171** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/172** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/173** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/174** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/175** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/176** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/177** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2019/178** tas-16 ta' Novembru 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/739** tal-1 ta' Marzu 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/740** tal-1 ta' Marzu 2018;

Annessi III u IV fir-rigward tal-eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet tas-sustanzi. Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji 19-il att delegat ieħor u qed twettaq l-evalwazzjoni ta' 57 applikazzjoni għall-eżenzjoni li jistgħu jwasslu għal atti delegati ulterjuri.

La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma sabu oġġezzjoni għall-ebda Direttiva Delegata tal-Kummissjoni adottata mill-aħħar rapport imsemmi hawn fuq u, mal-iskadenza tal-perjodu ta' skrutinju previst fl-Artikolu 22 tad-Direttiva, dawn l-atti delegati ġew ippubblikati f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u daħlu fis-seħħ fid-data speċifikata fih.

3.3. Emenda tal-lista ta' sustanzi ristretti, l-Artikolu 6(3)

Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva RoHS, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li jsir rieżami, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa, u emenda tal-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness II qabel it-22 ta' Lulju 2014, u perjodikament minn dakinhar 'il quddiem fuq inizjattiva tagħha stess jew b'segwitu għat-tressiq ta' proposta minn Stat Membru. Il-miżuri biex isiru r-rieżami u l-emenda tal-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness II, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat. Apparti mid-Direttiva Delegata[7] li temenda l-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness II li kienet irrappurtata fir-rapport preċedenti, twettaq studju ta' valutazzjoni xjentifika u teknika[8], inkluż konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u mal-esperti tal-Istati Membri dwar ir-RoHS[9], biex jiġi appoġġat ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi ristretti li sar bejn Jannar tal-2018 u Frar tal-2021. F'dan l-istudju ġiet evalwata wkoll proposta biex jiżdiedu l-paraffini klorurati b'katina medja (MCCP) mal-lista ta' sustanzi ristretti mressqa lill-Kummissjoni mill-Aġenzija Żvediża għas-Sustanzi Kimiċi f'Ġunju tal-2018.

Abbażi ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni se tipproċedi bil-passi li jmiss biex tikkunsidra li l-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness II tiġi emendata.

3.4. Kunsiderazzjonijiet ġenerali relatati mal-eżerċizzju tas-setgħat delegati skont id-Direttiva RoHS

Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/741** tal-1 ta' Marzu 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/742** tal-1 ta' Marzu 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/736** tas-27 ta' Frar 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/737** tas-27 ta' Frar 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2018/738** tas-27 ta' Frar 2018;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2017/1975** ta' Awwissu 2017, biex tinqara flimkien mar-Rettifika;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2017/1009** ta' Marzu 2017;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2017/1010** ta' Marzu 2017;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2017/1011** ta' Marzu 2017;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2016/1028** tad-19 ta' April 2016;
Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) **2016/1029** tad-19 ta' April 2016

[7] Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/863 tal-31 ta' Marzu 2015, *ĠU L 137, 4.6.2015,* p. 10

[8] Study to support the review of the list of restricted substances and to assess a new exemption request under RoHS 2 (Pack 15). https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/ce50dc9c-6c19-11eb-aeb5-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-197106951.

[9] Membri tal-Grupp ta' Esperti għall-adattament u l-infurzar ta' RoHS 2https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2810&lang=mt.

Numru ta' passi biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva u mal-prinċipji tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar għal waqt it-tħejjija u l-adozzjoni ta' kull att delegat li jikkonċerna l-evalwazzjoni ta' talba għal eżenzjoni jew għal restrizzjonijiet ta' sustanza ġdida. Dawn jinkludu b'mod partikolari, valutazzjoni xjentifika u teknika mitluba lil konsulent estern, il-konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, il-konsultazzjoni tal-Grupp Espert tal-Istati Membri msejjaħ għat-tħejjija tal-Atti Delegati skont id-Direttiva dwar ir-RoHS, u l-informazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, in-notifika lill-Kumitat tal-Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji dwar Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, il-pubblikazzjoni ta' abbozzi ta' atti għall-feedback pubbliku u l-kunsiderazzjoni relatata ta' feedback bejn is-servizzi kif ukoll il-perjodu ta' skrutinju ta' xahrejn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-Artikolu 24(2) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami ġenerali tad-Direttiva. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq dan ir-rieżami, u bħalissa għaddej studju ta' valutazzjoni tal-impatt biex jikkontribwixxi għalih. Tlesta studju li jappoġġa l-evalwazzjoni preċedenti tad-Direttiva[10]. Dan identifika oqsma għal titjib potenzjali fost l-oħrajn fir-rigward tal-proċess biex jiġu deċiżi l-eżenzjonijiet imsemmija hawn fuq, li se jkunu riflessi wkoll fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Ir-rieżami tad-Direttiva RoHS għalhekk se tikkunsidra modi biex tindirizza, fost l-oħrajn, il-proċeduri rispettivi.

4. KONKLUŻJONI

Matul dawn l-aħħar ħames snin, il-Kummissjoni eżerċitat kif xieraq is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva 2011/65/UE. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[10] Support for the evaluation of Directive 2011/65/EU on the restriction of the use of certain hazardous substances in electrical and electronic equipment https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5b807311-9d93-11eb-b85c-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-216492720.